MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 990/2005

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Joseph Vella, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-8 ta' Frar, 1954, karta ta' l-identita numru 183654(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-7 ta' Novembru, 2003 u fiż-żminijiet ta' qabel u ta' wara f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xtara jew b'xi mod ieħor irċieva mingħand persuna oħra, jew instgħab li kellu fil-pussess tiegħu xi oġġetti li għandhom xi marka jew sinjal li juri li dak l-oġġett huwa proprjeta' tar-Repubbblika ta' Malta, li l-awtorita' kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi minnhom, u

jonqos li jagħti kont sodisfaċenti ta’ kif l-oġġetti jew il-ħaġa tkun għandu;
2. talli taħt l-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jaħbi proprjeta’ tar-Republika ta’ Malta, iddistruġġa jew ħassar mill-oġġetti jew ħwejjeġ, li għalihom ma jkunx ġie mogħti permess sabiex wieħed jista’ jiddisponi minnhom, xi marka jew sinjal li juru li dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ huhma proprjeta’ tar-Repubblika ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat iddokumenti eżebiti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat naqas li jipprezenta nota ta’ sottomissjonijet.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-7 ta’ Novembru, 2003 żewġ spetturi tal-Dipartiment tas-Saħħa marru fil-Beta Pharmacy biex jagħmlu spezzjoni. Huma marru hemm għaliex id-dipartiment kien irċieva nformazzjoni li fl-ispizerija kien hemm prodotti li kienu tal-Gvern ta’ Malta. Din l-ispizerija hi proprjeta’ ta’ l-imputat. Meta huma marru fuq il-post sabu lill-imputat. Huma nfurmah min kienu u l-imputat mingħajr ebda problema awtorizzhom li jagħmlu t-tfittxija. Fil-fatt jirrizulta li hu kkopera f’din il-ħidma.

Illi konsegwenza ta’ din it-tfittxija l-ispetturi elevaw sitt (6) pakketti Istin tad-ditta Pfizer u ħames (5) pakketti Lescol tad-ditta Novartis. Meta saru l-verifiki fuq dawn il-mediċini rrizulta li l-batch number tas-sitt (6) pakketti Istin kien identiku għal konsenja mixtrija mill-Gvern. Għal dak li jirrigwarda l-Lescol tlett (3) pakketti minn ħamsa (5)

kellhom batch number ta’ konsenji differenti mixtrija mill-Gvern ta’ Malta.

Illi konsegwenza ta’ dan id-Dipartiment tas-Saħħa għamel rapport bil-miktub lill-pulizija. Il-pulizija min-naħa tagħhom dak in-nhar stess, jiġifieri fis-7 ta’ Novembru, 2003 marru fil-Beta Parmacy u għamlu tfittxija oħra li kienet fin-negattiv. Irrizulta wkoll li l-imputat hu proprjetarju ta’ spizerija oħra, il-Gudja Pharmacy. Għalhekk, saret ispezzjoni hemm ukoll minn fejn ġie elevat pakett Lescol ieħor. Kien jidher li seta’ kien hemm xi ħaġa nieqsa f’dan il-pakkett iżda dan il-pakkett ma jifformax parti ta’ xi kunsinja tal-Gvern u għalhekk ma għandu xejn x’jaqsam ma dan il-każ.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-sitt pakketti tal-Istin u tlieta tal-Lescol, kif jirrizulta aħjar mir-rapport tas-7 ta’ Novembru, 2003 tad-Dipartiment tas-Saħħa kellhom parti żgħira nieqsa. Din il-parti kienet mgħottija mill-prezz tal-prodott. Mill-provi jirrizulta li kwalunkwe mediċina mixtrija mill-Gvern ikollha is-sigla ‘MH’ miktuba fuq il-kaxxa ta’ barra. Il-biċċa nieqsa tal-kaxxa hi proprju fejn ikun hemm din is-sigla li tiddistingwi l-mediċini mixtrija mill-Gvern minn dawk li l-pubbliku in ġenerali jixtri.

Illi l-imputat għalkemm ikkolabora mal-pulizija ma ta ebda kont sodisfaċenti ta’ kif l-oġġetti ġew għandu. Hawnhekk, għandu jiġi rilevat li l-imputat eżebixxa numru ta’ invoices ta’ dawn iż-żewġ mediċinali. Min-naħa l-oħra l-‘pricing’ isir jew mill-imputat jew mill-impjegati tiegħu u għalhekk il-fatt li l-prezz jgħatti dik il-biċċa nieqsa hu sintomatiku mal-fatt li t-tikketta tal-prezz għandha funzjoni doppja. L-ewwel funzjoni hu li t-tikketta tindika l-prezz u it-tieni funzjoni hi li tgħatti t-tiċrita fil-kaxxa.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 290 u 291 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’

multa ta’ elf euro (€1,000). Tordna l-konfiska tal-mediċini eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------